# 47. Cignus *

Fuq l-ilma tal-għadira ċara u fonda
hemm wiżża bajda tiġri mingħajr tmiem,
ġwenħajha miftuħin, u denbha jferfer,
dak għonqha twil imqabbeż 'il quddiem.

Il-wiżża ta' kull jum fuq il-għadira
tiġġerra bajda bla ma taf għalfejn;
l-għadira mhix għadira mingħajr wiżża,
sew sew kif wiċċ mhux wiċċ mingħajr għajnejn.

Fl-għadira tas-smewwiet hemm ħames kwiekeb
li jagħmlu wiżża tiġri mingħajr tmiem,
ġwenħajha miftuħin u denbha jpetpet,
dak għonqha twil imqabbeż 'il quddiem.

U din il-ġliba kwiekeb ta' kull lejla
timraħ bajdana bla ma taf għalfejn;
mingħajrha s-sema mhuwiex sema sewwa,
sew sew kif wiċċ mhux wiċċ mingħajr għajnejn.

** Cignus hija kostellazzjoni magħmula minn ħames kwiekeb li magħqudin b'linja flimkien jagħmlu sura ta' wiżża. Id-denb ta' Cignus hija kewkba ta' dija qawwija magħrufa bħala "Deneb".*